MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2011

Numru. 910/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin**
**Spettur Christopher Pullicino)**

**Vs**

**Yousef Essesi ta' 19-il sena, bin Abdussalam u Bernardette nee' Pirotta, imwieled Pieta' fit-2 ta' Ottubru 1991 joqghod 14, Flat 7, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 509491(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Yousef Essesi akkuzat talli nhar is-6 ta' Awwissu 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe':

1. talli fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' Lulju 2011 minn kamra numru 414, Dragonara Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Carina Verena Brandt u/jew persuna/i ohra.
2. u aktar talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Lulju 2011 minn karma numru 415, Dragonara Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Franco Mangifesta u/jew persuna/i ohra.
3. u aktar talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 2011 minn kamra numru 306, Dragonara Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Mourad Baptiste Karib u/jew persuna/i ohra.
4. u aktar talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 2011 minn karma numru 701, Dragonara Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Thomas Neal Chambers u/jew persuna/i ohra.
5. u aktar talli fil-lejl ta' bejn l-5 u is-6 ta' Awwissu 2011 minn karma numru 706, Burlington Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti

u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Domenico Nigro u/jew persuna/i ohra.

6. u aktar talli fil-lejl ta' bejn il-5 u is-6 ta' Awwissu 2011 minn karma gewwa Burlington Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Carmen Rodrigues Dominguez.

7. u aktar talli fil-lejl ta' bejn il-5 u is-6 ta' Awwissu 2011 minn karma numru 911, Burlington Apartments, Triq Dragonara, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Juan Miguel Rodriguez Cerrejon u/jew persuna/i ohra.

8. u aktar talli fil-lejl ta' bejn l-1 u it-2 ta' Lulju 2011 minn karma numru 704, Dragonara Apartments, Triq Dragonara, San Giljan bil-hsieb li jikkometti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegiwet minhaba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-lok, bil-hin u bil-mezz ghad-dannu ta' Beltran Eva u/jew persuna/i ohra.

9. u aktar talli nhar is-6 ta' Awwissu 2011 u fil-gimghat qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digrieti tal-Qorti li bihom inghata il-heslien mill-arrest that garanzija li jirrinkaza ruhu fil-hinijiet ta' bil-lejl, li ghandu jinforma lill-prosekutur u/jew lill-Qorti bil-bdil fl-indirizz fejn jirrisjedi u li ma jaghmilx reat ta' natura volontarja matul il-helsien mill-arrest.

10. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 17 ta'

Dicembru 2009 fejn gie misjub hati ta' reat u illiberat il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin;
11. u fl-ahharnett talli rrenda ruhu recediv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
12. ukoll talli ikkometta diversi reati li ghalih hemm peina ta' prigunerija fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza datata 15 ta' Ottubru 2009, mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema dikjarazzjoni ta' amissjoni giet riaffermata minnu wara li gie moghti hin ragjonevoli skond il-ligi sabiex jikkunsidra l-istess..

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tiehu ghajr ghall-ghaxar akkuza u dana billi jirrizulta mid-Dokument D esebiet fl-atti tal-kawza, illi dina l-akkuz akienet diga tifforma parti minn gudikat iehor moghti fil-konfront ta'l-imputat u dana f'sentenza moghtija minn din ail-Qorti kif diversament ippresjeduta (Magistrat Antonio Mizzi) tal-31 ta' Awwissu 2011 u kwindi dina l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta dina il-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali piuttost ikkulurita ta'l-imputat ghalkemm l-imputat ghadu ta' eta zghira. L-imputat mhux talli huwa recidiv, izda sahansitra anke kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet fejn huwa gie moghti il-helsien mill-arrest. L-imputat donnu ma iridx jirriforma hajjtu ghalkemm inghata opportunitajiet mill-Qorti sabiex jaghmel dan u dina l-Qorti temmen illi l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikjatrika sabiex jeghleb il-"vizzju" tieghu tas-serq. Fil-fatt f'temp ta' ftit granet jidher

illi l-imputat ikkometta diversi serqiet ghalkemm huwa kien qieghed igawdi mid-dritt tieghu ghal-helsien mill-arrest. Dina l-Qorti ghalhekk ma ghadx ghandha fiducja illi tista' b'xi mod tghin lill-imputat u jidher illi sfortunatament l-uniku mod biex tigi salvagwardjata is-socjeta mill-atti kriminali tieghu huwa billi tigi imposta piena karcerarja effettiva fuqu. Illi madanakollu il-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u ser tiehu dan in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena li ser tigi inflitta. Inoltre l-Qorti ser tikkonverti il-piena ta' disgha xhur prigunerija sospizi li inghataw lill-imputat permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali f'habs effettiv, stante illi r-reati li dwarhom jinsab akkuzat l-imputat gew kommessi fil-perijodu operattiv ta' dik is-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 31, 49, 50 u 289, 41, 261(b)(e)(f), 263(a), 269(g) u 270, 278(1)(3), 579(2), 17(b), 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar akkuza, peress li dina l-akkuza diga ghaddiet in gudikat, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu komplessiv ta' tletin (30) xahar prigunerija. Il-Qorti taghmel rakommandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna psikjatrika li ghandu bzonn u dana taht id-direzzjoni ta' Dr. Joseph Spiteri.

Il-Qorti tordna illi kopja ta'l-atti u is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------